

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi ttrasferit fl-interess tas-servizz lejn direzzjoni oħra, u, min-naħa l-oħra, il-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas ta' somma bħala kumpens għal dannu morali.

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-18 ta' Diċembru 2008 li tittrasferixxi lir-rikorrent għad-direttorat tal-librerija b'effett mill-1 ta' Jannar 2009;

— sa fejn huwa neċessarju, tannulla d-deċiżjoni tad-9 ta' Lulju 2009, riċevuta fit-13 ta' Lulju 2009 ta' ċaħda tal-ilment;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' somma ta' EUR 50 000 bħala kumpens għal dannu morali;

— tikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2009 — Skareby vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-95/09)

(2010/C 24/155)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Carina Skareby (Leuven, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li ssir investigazzjoni amministrattiva sabiex jiġi stabbilit il-fastidju psikoloġiku allegatment subit minnha.

Talbiet tar-rikorrenti

Irrikorrenti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors tagħha ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-4 ta' Marzu 2009, u sa fejn neċessarju, id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2009 — Taillard vs Il-Parlament

(Kawża F-97/09)

(2010/C 24/156)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Christine Taillard (Thionville, Franza) (rappreżentanti: N. Camboine u C. Lelievre, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament Ewropew iddikjara bħala inammissibbli ċertifikat mediku li jiddikjara l-inkapaċità għax-xogħol tar-rikorrenti u d-deċiżjoni konsegwenti ta' tnaqqis ta' jiem ta' leave. Min-naħa l-oħra, il-kumpens tad-dannu subit mir-rikorrenti.

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara dan ir-rikors bħala ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2009 li tiddikjara bħala inammissibbli ċertifikat mediku li jiddikjara l-inkapaċità għax-xogħol u d-deċiżjoni konsegwenti ta' tnaqqis ta' jiem ta' leave u, sa fejn ikun hemm bżonn, id-deċiżjoni konfermatorja tal-14 ta' Awwissu 2009;

— tiddikjara lill-Parlament Ewropew responsabbli għad-dannu subit mir-rikorrenti, u għaldaqstant jalloka favur ir-rikorrenti l-ammont ta' EUR 12 000 bħala kumpens għad-danni jew kwalunkwe somma ikbar li għandha tiġi stabbilita mill-Qorti tal-Prim'Istanza;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.